# L-ISLA

X'dehra ta' waħx. F'kull triq li tgħaddi minnha
Tilmaħ djar imġarrfin,
U fi mnifsejk ixxommha ġejja r-riħa
Ta' l-iġsma mirdumin.

U hemm f'nofs dik it-triq, fost id-djar l-oħra
Kien hemm daqsxejn ta' dar,
Li jien kont ngħożż qatigħ, u llum imġarrfa
Tinsab b'qillet in-nar.

U nisthajjilha minn did-dar imwaqqgħa
Qed tidwi bla mistrieħ
Għanja ta' ħasra: xhieda waħdanija
Ta' l-hemm li ninsab fih.

"Għadek tiftakar," nisthajjilha l-għanja
"Għidli, żagħżugħ miskin,
Kemm drabi wara l-bieb ta' dari mġarrfa
Qattajt sigħat ħelwin,

Flimkien mat-tfajla l'inti kont ħliftilha
Li ma tibdilha qatt
U ħlief il-mewt ir-rabta ta' mħabbitkom
Ma jista' jħollha ħadd?

'Mma llum, żagħżugħ, taħt dan il-ġebel kollu
Flimkien mad-dmugħ li ħlejt
Tinsab mirduma mingħajr nifs ta' ħajja
It-tfajla l'int ħabbejt."

Int, Belt ħemdiena, wara ż-żmien ta' gwerra
Terġa' ġo fik il-ħajja,
'Mma t-tfajla li jien magħha ħlift imħabbti
Ma terġa' qatt f'dirgħajja.

ĠORĠ CHETCUTI

3 / 1 / '41.